MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 807/1995/1

**Catherine Schembri gia` Baldacchino u b'digrieti ta' din il-Qorti tat-22 ta' Awwissu 2006 u tal-1 ta' Frar 2007 il-Qorti ordnat il-korrezzjoni tal-okkju billi wara l-isem tal-attrici jizdiedu l-kliem illum assistita mill-kuratur taghha Dr. Godfrey Farrugia**

**v.**

**Joseph Baldacchino**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fis-16 ta' Gunju 1995 li taqra hekk:

“Peress illi l-kontendenti ccelebraw iz-zwieg fil-Knisja Parrokjali tas-Siggiewi fil-21 ta' Dicembru 1974, liema zwieg gie dikjarat null b'sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-20 ta' Mejju 1991;

“Peress illi l-partijiet baqghu ma llikwidawx l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom mid-data taz-zwieg u ghalhekk ghad ghandhom diversi oggetti mobbli u immobbli, li ghadhom in komproprjeta`;

“Peress illi l-esponenti ghandha proprjeta` taghha dotali u parafernali li bhalissa tinsab fid-dar gia` matrimonjali, go liema dar bhalissa qieghed jghix il-konvenut;

“Jghid l-istess konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi m’ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

“(1) Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet ugwali u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u okkorrendo ta' nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

“(2) Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha dotali u parafernali inkluzi flus, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominat;

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni u tal-mandat ta' deskrizzjoni tad-9 ta' Gunju 1995, kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol. 8) li in forza taghha eccepixxa illi:

“Illi hu ma jopponix li tigi xolta l-komunjoni u li tigi verifikata l-konsistenza tal-istess u li wara dan issir il-qasma bejn tnejn u l-assenjazzjoni skond il-ligi.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta’ Ottubru 2007, li in forza taghha ddisponiet mill-vertenza b’dan il-mod:

“.......billi tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet ugwali u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, u b’hekk tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma komplessiva ta’ erbaghtax-il elf u sittin Lira (Lm14,060); liema somma tirrapprezenta il-porzjoni li tappartjeni lill-attrici mill-imsemmija komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti qeghda tilqa’ wkoll it-tieni talba attrici fis-sens illi minflok tordna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha dotali u parafernali nkluzi flus, ordnat illi il-konvenut ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif gie likwidat kif diga` intqal aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat.

“F’dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tordna illi l-ispejjez ghandhom jithallsu nofs bin-nofs bejn l-attrici u l-konvenut.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet, fost ohrajn:

“Illi l-Perit Doublet esebixxa flimkien mar-relazzjoni tieghu kopja ta’ kuntratt datat 30 ta’ Novembru 1988, u permezz ta’ dan il-kuntratt, il-konvenut biegh il-garaxx bla isem anness mal-fond “Hillbank” Notabile Road, Siggiewi.

“Illi minn dan il-kuntratt irrizulta illi l-konvenut biegh dan il-garaxx ukoll proprjeta` tal-komunjoni tal-akkwisti, ghall-prezz ta’ elf Lira (Lm1,000).

“Illi l-Perit Gudizzjarju Alfred Camenzuli, illi kellu jaghmel stima tal-oggetti mobbli, kif ukoll tal-vettura, wasal ghall-konkluzjoni illi l-valur tal-vettura Hyundai Stellar bin-numru

tar-registrazzjoni DAN 674 huwa ta’ cirka tlett elef u hames mitt Lira (Lm3,500) u dwar l-oggetti mobbli li ghadhom jezistu u li jinsabu fil-pussess tal-imsemmi konvenut, dawn jammontaw flimkien ghas-somma ta’ cirka elf sitt mija u ghoxrin Lira (Lm1,620).

“Illi fic-cirkostanzi kollha il-Qorti tikkunsidra gusta u xierqa s-segwenti assenjazzjoni :

“(1) Illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici is-somma ta’ hdax-il elf Lira (Lm11,000) rapprezentanti sehemha, u cioe` nofs, il-valur tad-dar “Hillbank” li llum ghandha l-isem “Joe Jane” Notabile Road Siggiewi.

“(2) Il-konvenut ghandu jhallas ukoll lill-attrici is-somma ta’ hames mitt Lira (Lm500) rapprezentanti sehemha u cioe` nofs mill-garaxx li huwa biegh fit-30 ta’ Novembru 1988 ghall-prezz ta’ elf Lira (Lm1,000).

“(3) Il-konvenut ghandu jhallas ukoll lill-attrici nofs il-valur tal-oggetti mobbili u cioe` s-somma ta’ tmien mija u ghaxar Liri (Lm810).

“Il-konvenut ghandu jhallas ukoll lill-attrici is-somma ta’ elf seba’ mija u hamsin Lira (Lm1,750); liema somma tirrapprezenta sehemha u cioe` in-nofs tal-valur tal-vettura Hyundai Stellar bin-numru tar-registrazzjoni DAN 674.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

“.........tikkonferma l-likwidazzjoni tal-komunjoni, izda tvarja s-sentenza taghha tal-25 ta’ Ottubru 2007 in kwantu ghall-kontenut tal-likwidazzjoni u assenjazzjoni, billi tillikwidaha u tassenja l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, kif sottomess fl-aggravji taghha[1].”

Rat ir-risposta tal-attrici tat-28 ta’ Novembru 2007 li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din

[1] Recte: “tieghu”.

il-Qorti ghandha tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kollha kontra l-istess appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-1 ta' Dicembru 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-partijiet f'din il-kawza kienu zzewgu fil-21 ta' Dicembru 1974, izda dan iz-zwieg kien gie dikjarat null b'sentenza moghtija in prim istanza fit-18 ta' Mejju 1988 u konfermata minn din il-Qorti fl-20 ta' Mejju 1991. F'dawk il-proceduri ma kienitx giet likwidata l-komunjoni tal-akkwisti allura vigenti, u ghalhekk, b'din il-kawza, l-attrici talbet li l-komunjoni tigi likwidata halli hi tinghata sehma mill-istess.

L-ewwel Qorti laqghet it-talba attrici, u filwaqt li ordnat li l-proprjeta` tal-komunjoni, partikolarment id-dar matrimonjali fi triq Notabile, is-Siggiewi, tibqa' ghand il-konvenut, dan gie kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' Lm14,060 (illum €32,751) ghas-saldu ta' sehem l-attrici mill-komunjoni tal-akkwisti.

Il-konvenut appella u filwaqt li jaqbel bil-mod kif l-ewwel Qorti pprocediet, isostni li l-ammont li ghandu jhallas lill-attrici ghandu jkun anqas minn dak likwidat peress illi (i) id-dar matrimonjali inxtrat mill-flus parafernali tieghu u l-komunjoni harget flus biss biex tirranga l-istess fond; (ii) il-*garage* inbiegh fl-1988 u r-rikavat intefaq fiz-zwieg u l-attrici ma tistax tippretendi sehem; (iii) il-Qorti marret *ultra petita* meta llikwidat il-valur tal-mobbli fil-komunjoni, ghax it-talba kienet limitata fuq oggetti dotali u parafernali; u (iv) il-vettura Hyundai Stellar inxtrat mill-konvenut wara s-sentenza ta' din il-Qorti li kienet annullat iz-ziweg, u kwindi ma kellhiex titiehed in konsiderazzjoni.

Fil-kuntest tad-dar matrimonjali, din inxtrat mill-konvenut fis-6 ta' April 1975, b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Nicola Said, u dan bil-prezz ta' Lm5,000, kwantu ghal Lm3,500 ghal bini u Lm1,500 ghall-ghamara. Peress li l-fond

inxtara wara z-zwieg tal-partijiet, dan jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, pero`, il-konvenut ighid li l-fond inxtara mill-flus tieghu li hu gemma tul is-snin li kien jghix u jahdem l-Awstralja u ghakhekk ghandu kreditu kontra l-komunjoni ghal flus li nefaq. Il-konvenut wera li fiz-zmien li zzewweg, kellu fuq ismu kont li kien fih $Aus13,125. Il-konvenut wera wkoll li fl-1972 dawn il-flus gew trasferiti mill-kont tieghu ghal kont iehor fl-Awstralja u li fi Frar 1974 gew zbankati $Aus 1,200, izda ma giex muri preciz x'gara minn dawn il-flus jew li dawn il-flus intuzaw ghall-akkwist tad-dar.

Din il-Qorti tissenjala dawn ic-cirkostanzi li ser jwassluha ghad-decizjoni taghha;

(1) il-konvenut, qabel ma zzewweg, ghamel hames snin jahdem l-Awstralja u wera li lahaq gemma somma flus li, ghal dak iz-zmien, kienet wahda konsiderevoli;

(2) l-attrici ma kellhiex wisq flus f'isimha qabel ma zzewget peress li hi kienet tahdem fir-raba tal-familja;

(3) l-attrici tammetti li d-dar inxtrat "in parti bi flus parafernali tal-konvenut li huwa kellu meta kien l-Awstralja";

(4) l-attrici, meta xehdet in kontro-ezami, qalet li d-dar "xtrajniha nofs b'nofs", pero` ghalkemm weghdet li kienet se tesebixxi l-kotba tal-bank "li juru u jikkonfermaw dak li ghadni kif ghidt", naqset milli taghmel dan;
Min-naha l-ohra;

(5) id-dar hija f'idejn il-konvenut u se jibqa' jzommha hu ghalih;

(6) l-ewwel Qorti mxiet fuq stima li ghamel il-perit tekniku mahtur minnha stess fl-1998; illum, dan il-fond zgur li jiswa hafna aktar mill-istima ta' Lm22,000 (ossija €51,246.21).

Minn dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tara li, fil-verita`, dan il-post inxtara u gie rrangat minn flus il-konvenut, almenu fil-maggor parti, pero`, tara li dan il-fond se jibqa' jitgawda mill-konvenut, u ghalhekk, ikun gust li lill-attrici tinghata nofs il-valur tal-fond kif stmat fl-1998. Fil-verita`, kieku hadet nofs il-valur tal-fond kemm kien jiswa fl-epoka tas-sentenza (2007), kienet tiehu ferm aktar, pero`, il-konvenut kien ikollu dritt ghal prelevanza akbar, u allura l-figura ta' Lm11,000 hija wahda gusta.

L-ilment dwar il-*garage* fi Triq Dun Manwel Zammit, Siggiewi, huwa wkoll mhux gustifikat. Il-*garage* inxtrara u nbiegh fl-1988 (inxtara f'Gunju ghal Lm1,000 u nbiegh ghall-istess prezz f'Novembru), u f'dik l-epoka l-partijiet kienu gia` separati *da facto*, tant li l-kawza ghall-annullament taz-zwieg kienet bdiet fl-1984.

Dan ifisser li, fil-komunjoni, kellha tibqa s-somma ta' Lm1,000, u darba li l-partijiet kienu separati, zgur li din is-somma ma ntuzatx u ntefqet fiz-zwieg. Kwindi, l-ordni tal-ewwel Qorti ghall-hlas ta' Lm500 lill-attrici kienet gusta. Din il-Qorti rat ukoll li mix-xhieda prodotti ma jirrizultax li l-konvenut kien jaghti xi wisq flus lill-martu ghall-hajja, tant li jirrizulta illi xi membri tal-familja tal-attrici gieli kellhom huma jaghtu flus lill-attrici ghall-medicini u ikel.

Fil-kuntest tat-tielet aggravju, hu veru li l-attrici talbet l-assenjazzjoni lilha tal-oggetti parafernali u dotali taghha, pero`, fl-ewwel talba l-attrici talbet, b'mod generali, il-likwidazzjoni tal-assi kollha formanti parti tal-komunjoni tal-akkwisti, liema talba, ovvjament tkopri wkoll il-mobbli. L-ewwel Qorti ghamlet kalkolu tal-valur tal-mobbli kemm tal-komunjoni, kif ukoll parafernali, u a bazi ta' dak il-valur ordnat lill-konvenut jaghti lill-attrici sehma fi flus, konsiderando l-fatt li hafna mill-oggetti baqghu fid-dar matrimonjali jew "sparixxew" waqt li kienu fl-istess fond li fiha baqa' jabita' l-konvenut.

Dwar l-ahhar ilment, din il-Qorti tara' li l-konvenut mhux qed ikun sincier u agixxa fir-rigward in *mala fede*. Il-karozza Hyundai Stellar <u>giet fuq ismu fl-1993</u>, cioe`, xi sentejn wara li z-zwieg tieghu gie annullat. L-istess

karozza, pero` kienet fil-verita` inxtrat snin qabel minn mara habiba tieghu li mbaghad kienet "silfet" il-karozza lill-konvenut biex juzaha hu u dan sakemm, wara l-annullament, ittrasferit l-istess ghal fuq ismu! Kull kumment iehor ikun superfluwu!

Kwindi, l-aggravji tal-appellant fil-konfront tas-sentenza tal-ewwel Qorti jimmeritaw kollha li jigu michuda.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut billi tichad l-istess u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza jithallsu mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------